MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2012

Numru. 733/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Joseph Caruana Curran**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Joseph Caruana Curran ta’ 52 sena, bin il-mejjet Joseph u Anna Milena nee’ Turi, mwieled tas-Sliema fil-15 ta’ Dicembru, 1957 u residenti ‘Villa Pilzer’, Triq San Pawl, Naxxar, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 31758)M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. F’April, 2010 u fis-snin immedjatament precedenti f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet

differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, fil-kapacita' tieghu bhala Direttur tas-socjetajiet Caruana Cold Storage & Imports Limited, High Enterprises Limited u Panelpix Limited, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe' ma' hallasx lid-Dipartiment tal-VAT is-somma totali ta' €380,016.43, ai termini ta' l-artikolu 18, 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Aktar talli sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), datati 21.09.2009 u 21.01.2010 rispettivament, liema sentenzi huma definittivi u ma' jistghux jigu mibdula, ai terminu ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-20 ta' Jannar, 2012 ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegebu li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat hallas lura l-ammont kollu dovut lid-Dipartiment tal-VAT.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18, 293, 294, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi, u, b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma’ jikkommettix reat iehor sa zmien sena (1) millum.

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tordna li l-atti kollha ta’ dan il-process flimkien ma kopja tas-sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------